Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,397, 30 ta' April, 2020
Taqsima B

A.L. 167 tal-2020

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Regolamenti tal-2020 dwar ir-Rata ta' Mgħax fl-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 22 u 22A tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2020 dwar ir-Rata ta' Mgħax fl-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2020.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra-

"l-Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti. Kap. 364.

Rata ta' Mgħax.

3. Salv kif mod ieħor espressament provdut, l-imgħax taħt l-Att għandu japplika bir-rata ta' żero punt tlieta tlieta fil-mija (0.33%) għal kull tletin (30) ġurnata jew parti minnhom.

4. L-imgħax applikabbli fil-paragrafu (ii) tas-subartikolu (4) tal-artikolu 35 tal-Att għandu japplika bir-rata ta' erbgħa fil-mija (4%) fis-sena.